*ID-DNUB – X'INHUWA U KIF NEHILSU MINNU.*

1. ID-DNUB FIL-HAJJA TAL-BNIEDEM

L-akbar deni li jista' qatt isofri l-bniedem huwa li jaccetta d-dnub fil-hajja tieghu.

U aktar ta' min jithassru dan il-bniedem jekk il-kuxjenza tieghu tkun raqdet jekk forsi mhux ukoll ikun tilifha. Meta l-vuci tal-kuxjenza tinhanaq allura l-bniedem jibda' jaccetta koloox u jaghmel dak kollu li jigi ghal idejh. Il-bniedem bla kuxjenza hu ta' min jibza' minnu ghax ghandu l-hila jsir theddida. Bnedmin bhal dawn jitkellmu u jiddeciedu skont kif jaqbel lilhom.

Il-bniedem bla kuzjenza jitlef is-sens tad-dnub. Ghalih xejn ma hu xejn u kollox jghaddi. Kapaci li t-tajjeb jsejjahlu hazin u l-hazin isejjahlu tajjeb.

II. IL-HNIENA TA' ALLA U D-DNUB

Il-Vangelu huwa r-rivelazzjoni, f'Gesu' Kristu, tal-Hniena ta' Alla lejn il-midneb (Luqa 15) L-anglu tal-Mulej habbar lil Guzeppi *" Inti ssemmieh Gesu': ghaliex huwa jsalva lill-poplu tieghu minn dnubietu."* (Mt 1, 21) L-istess haga nistghu nghidu fuq l-Ewkaristija, is-Sagrament tal-Fidwa: "*għax dan huwa demmi, id-demm tal-Patt, li jixxerred għall-kotra għall-maħfra tad-dnubiet.."* (Matt 26, 28). Gwanni l-Battista juri lil Gesu' bhala l-Haruf t'Alla li jnehhi d-dnubiet tad-dinja.

"*Alla li halaqna minghajrna ma jridx isalvana minghajrna*" Santu Wistin.

Qabel ma ahna naccettaw il-Hniena Tieghu, irridu minn naha taghna nirrikonoxxu l-htijiet taghna. San Gwann l-Evangelista fl-ewwel ittra tieghu Kap 1 versi 8-9, jghidilna li *jekk ahna nghidu li ahna minghajr dnub, nkunu qed inqarrqu bina nfusna u l-verita' ma tinsabx fina. Jekk ngharfu htijitna, huwa li hu fedelta' u gustizzja jahfrilna dnubietna u jsaffina minn kull htija.*

Kif jafferma San Pawl: *Fejn kotor id-dnub kotrot fuq li kotrot il-grazzja ta' Alla.* Il-grazzja, pero, biex tasal li twettaq ix-xoghol taghha trid tressaq il-midneb biex jinduna bi htitjietu u jindem minnhom; hekk il-midneb *jiggustifika*

*ruhu ghall-hajja eterna permezz ta' Gesu' Kristu l-Mulej taghna.*(Rm 5, 20 -21). Bhalma t-tabib jezamina l-ferita qabel jimmedikaha, hekk Alla bil-Kelma tieghu u l-Ispirtu Qaddis tieghu, jitfa' fil-qalb tal-bnedmin fid-dnub, id-dawl haj tieghu biex dan jaghraf htijietu u jindem minnhom.

III. X'INHUWA D-DNUB

Id-dnub huwa ksur tal-ligi ta'Alla, dak Alla kollu Imhabba lejn bnedmin li ma qaghadx jahsibha sabiex jibghatilna lil Ibnu biex jifdina u jsalvana bis-sahha tas-salib.

Id-dnub huwa offiza lil Alla: *"Kontra tieghek, kontra tieghek biss jiena dnibt. Dak li hu hazin jiena ghamilt quddiemk ghajnejk."* (Salm 51, 6). Id-dnub huwa azzjoni hazina li johodha kontra l-imhabba ta' Alla u dan l-att ibghedna mill-ghajn tal-Hajja. Hekk jigri li r-ruh taghna tkun mejta, jigifieri ma tistax timmerita, ma tistax ikun jisthoqqilha l-premju etern qabel ma din tinzel gharkubtejja u titlob mahfra lill-Hallieq taghha, li meta jaraha niedma ma jirrifjutalhiex l-id tal-hbiberija tieghu. Id-dnub huwa att ta' disubbidjenza kontra r-rieda ta' Alla, ribelljoni kontra dak li jixtieq Alla minna. Bid-dnub inkunu qed niddisprezzaw lil Alla, huwa att ta' suppervja li jwassalna ghat-telfien jekk inwebbsu rasna fih. Id-dnub huwa att oppost ghall-ubbidjenza ta' Kristu li gabilna s-salvazzjoni.

Il-kruha tad-dnub jidher meta wiehed jara f'liema stat ta' tbatija gab lil Gesu' u lil Ommu Marija. Imma d-dnub ma xejjinx lil Gesu', ma ghamilx rebha fuq Gesu' bhalma ghamel fuq il-bniedem li tilef kollox minhabba d-dnub. Kristu hareg rebbieh u bis-sahha ta' din ir-rebha ahna ilkoll nistghu nohorgu rebbieha fuq il-hazen li jigri madwarna. Is-sagrificcju ta' Gesu' jsir ghajn ta' hniena ghal dawk li jridu jaharbu d-dnub u juru ndiema minn htijiethom.

Id-dnub huwa attitudni li wiehed jaghlaq qalbu ghal imhabba lejn Alla.

IV. IL-GRAVITA' TAD-DNUB: DNUB MEJJET JEW VENJAL.

Mhux kull dnub hu ta' l-istess gravita'. Il-htija tista' tkun dnub mejjet jew dnub venjal.

Id-dnub il-mejjet joqtol l-imhabba li ghandu jkun hemm fil-qalb tal-bniedem lejn Alla ghax il-bniedem ikun kiser b'mod gravi xi ligi t'Alla; id-dnub il-mejjet

ibieghed lill-bniedem minn Alla li ghandu jkun il-punt fokali tal-hajja tieghu, ghax dan ikun ghazel xewqat kuntrarji ghar-rieda ta' Alla.

Id-dnub venjal ghalkemm ma jtellifx l-imhabba ta' Alla fil-bniedem, certament li jdghajjifha.

Tajjeb li wiehed ikun jaf li biex ikun hemm dnub mejjet jehtieg tlett kundizzjonijiet: il-materja tkun gravi, tkun f'sensik u trid l-haga hazina.

V. KIF NERGGHU LURA GHAL GHAND ALLA.

Biex wiehed jerga' jithabbeb mill-gdid ma' Alla wara li jkun waqa' fid-dnub, ghandu jersaq lejn is-Sagrament tar-Rikonciljazzjoni jew kif nafuh ahna l-Qrar u hemm jistqarr id-dnub jew dnubiet quddiem il-konfessur wara li jkun nidem minnhom.

Hekk kif is-sacerdot jahfrilna dnubietna bis-setgha moghtija lilu minn Alla, allura kif jghid il-profeta: "Imbagħad ifiġġ bħaż-żerniq id-dawl tiegħek, u malajr tagħlaqlek il-ġerħa tiegħek. Quddiemek timxi l-ġustizzja tiegħek, u l-glorja tal-Mulej timxi warajk. Jekk biss issejjaħlu, iwieġeb il-Mulej; jekk tgħajjatlu, jgħidlek 'Hawn jien'. Jekk tneħħi minn nofsok il-moħqrija, ma tmiddx subgħek u ma tagħmilx deni b'ilsienek, jekk int qalbek toħroġ għall-imġewwaħ, u xxabba' qalb l-imnikket, mbagħad id-dawl tiegħek ifiġġ fid-dlam, u s-swied tiegħek ikun bħan-nofsinhar. U l-Mulej jibqa' jmexxik għal dejjem, u jxebbagħlek qalbek fl-imkejjen niexfa, u jsaħħaħlek għadmek. Int tkun bħal ġnien bis-saqwi, bħal għajn ta' ilma ma jonqos qatt" (Is 58,9-12).